



Stampa u Informazzjoni

## INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA Nru 103/05

30 ta' Novembru 2005

\* \* \*

### L-EWWEL REĠISTRATUR TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' L-UNJONI EWROPEA

*Udjenza solenni tat-30 ta' Novembru 2005*

Fid-9 ta' Novembru li għadda, is-Sinjura Waltraud Hakenberg inħatret Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea mill-Imħallfin tat-Tribunal għal perijodu ta' sitt snin, mit-30 ta' Novembru 2005 sad-29 ta' Novembru 2011.

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żamm udjenza solenni llum fit-18.30, fil-Lussemburgu, li matulha s-Sinjura Waltraud Hakenberg ħadet il-ġurament tal-ħatra bħala Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. F'din l-okkażjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żamm l-ewwel seduta tiegħu.

#### **Waltraud Hakenberg**

Imwielda fl-1955; studji fil-liġi f'Regensburg u f'Ġinevra (1974-1979); l-ewwel eżami ta' l-Istat (1979); studji post-universitarji fid-Dritt Komunitarju fil-Kulleġġ ta' l-Ewropa fi Bruges (1979-1980); Maġistrat *trainee* f'Regensburg (1980-1983); Dottorat fil-liġi (1982); it-tieni eżami ta' l-Istat (1983); Avukat fi Munich u f'Pariġi (1983-1989); Uffiċjal mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1990-2005); *Référéndaire* mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Uffiċċju ta' l-Imħallf Jann, 1995-2005); attivitajiet ta' tagħlim f'diversi universitajiet fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fl-Iżvizzera u fir-Russja; Professur Onorarju fl-Università tas-Saarland (mill-1999); Membru ta' diversi kumitati, assoċjazzjonijiet u bordijiet ġuridiċi; diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-Dritt Komunitarju u tal-ġurisprudenza Komunitarja.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lit-Tribunal  
għas-Servizz Pubbliku*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*

*Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731*

*Filmati ta' l-udjenja solenni huma disponibbli fuq EbS "Europe by Satellite",  
servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,*

*Direzzjoni Ġenerali ta' l-Istampa u Komunikazzjoni*

*L-2920 il-Lussemburgu, Tel: (00352) 4301 35177 Fax: (00352) 4301 35249*

*jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 2964106 Fax: (0032) 2 2965956*